QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz Nru 1724/99DM

Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gregory Tabone abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Gregory Tabone

Vs

Joseph Axisa

Il_Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' LM 318.46 (tlett mija u tmintax il-lira u sitta u erbghin centezmu) jew somma verjuri li minnhom Lm268.46 huma pagabli lis-socjeta attrici Middle Sea Insurance plc u filwaqt illi Lm 50.00 pagabli lill-attur l-iehor Gregory Tabone bhala excess, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b'risultat tal-incident li sehh fis-7 ta' Novembru 1998 fiz-Zejtun, meta l-attur Tabone illi kien qieghed isuq il-vettura numru DAE 143 habat ma' tank tal-

ilma illi thalla f'nofs ta' triq, stante illi l-konvenut kien unikament responsabli ghall-incident in kwistjoni, liema incident sehh bhala rizultat tat-traskuragni, imperizja, negligenza da parte tieghu, billi l-konvenut kien halla l-imsemmi tank tal-ilma fit-triq, liema tank kien qieghed jikkawza perikolu kif ukoll ostaklu ghas-sewwieqa u minkejja dan l-konvenut naqas ukoll illi jiehu l-mizuri necessarji sabiex b'hekk tattira l-attenzjoni tas-sewwieqa ghall presenza tal-istess imsemmi tank tal-ilma.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10 tal-ittra legali tal-4 ta' Jannar 1999, tal-ittra ufficjali tas-27 t'Awissu 1999 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-presenti kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Axisa fejn ecepixxa:

1. Illi m'hux responsabli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali, ghal liema incident huwa responsabli l-istess attur Gregory Tabone.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2000 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilita.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Fuq il-fatti rilevanti ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni, infatti jirrizulta illi haddiema tal-Maltacom wara illi kienu ghamlu xogholijiet fit-Triq ir-Ramla, fiz-Zejtun, kienu hallew diversi kaptelli kif jidhru fir-ritratt dokument JA 1 esebit fit-30 ta' Novembru tas-sena 2000 a fol 31 tal-process. Jirrizulta illi dawn ix-xogholijiet li ghamlu l-haddiema tal-Maltacom ma kienux gew itterminati jew esegwiti b'mod sodisfacenti u il-konvenut dehrlu illi jittermina u jlesti ix-xogholijiet huwa stess.

In fatt l-istess konvenut jammetti illi biex inehhi kull konvenjent ossia xi periklu ghat-traffiku li jkun ghaddej, huwa ghatta il-kaptelli bis-cement biex nehha id-dislivell li kien hemm ghal kumdita tat-traffiku li jkun ghaddej. L-istess konvenut jammetti wkoll illi sabiex it-traffiku ma jghaddiex minn fuq is-cement frisk li ghamel huwa stess, huwa ghatta kollox permezz ta' pjanca u pogga tank fuqha biex it-traffiku ma jkunx jista` jghaddi minn fuq ix-xogholijiet li kien ghadu kif esegwixxa.

L-istess konvenut ukoll jammetti illi ghalkemm halla dan it-tank fit-triq fuq dawn il-kaptelli ghal lejl, huwa ma pprovda ebda dawl fuqu biex dan seta` jigi iktar vizibli mis-sewwieqa illi kienu qed juzaw it-triq.

Ghalkemm wiehed jissimpatizza minn sitwazzjoni li jinsab fiha il-konvenut, xorta wahda ghandu jinghad illi l'ebda persuna m'ghandha awtorizazzjoni jew id-dritt illi fi triq pubblika ipoggi ostaklu ikun xi jkun ta' kwalunkwe natura u ghal kwalunkwe raguni.

In oltre f'kaz illi l-konvenut jew haddiema ohra setghu kienu awtorizzati illi jaghmlu xi ostaklu f'xi triq pubblika anke biex jindikaw xi periklu, huma kienu obbligati wkoll illi jaghmlu dak kollu necessarju sabiex dan l-ostaklu ikun vizibli ghat-traffiku li jkun qed juza dik it-triq.  Dan l-obbligu jinkludi illi ghal hinijiet ta' bil-lejl, dan l-ostaklu kellu jigi maghmul iktar vizibli billi titpogga lampa fuqu biex tindika il-prezenza tal-ostaklu.  Il-konvenut dan m'ghamlux u ghalhekk huwa responsabli bxi grad ghall l'incident li fih gie involut l-assikurat tal-atturi ossia l-attur Gregory Tabone.

Ghalkemm il-partijiet ma jaqblux fuq il-punt ezatt ta' fejn kien gie poggut it-tank inkwestjoni, jirrizulta defenittivament illi dan it-tank kien poggut fit-triq ossia f'parti mit-triq illi kienet destinata ghat-traffiku u l-kwestjoni tal-punt ezatt tieghu ghandha biss relevanza

sabiex jigi determinat il-grad ta' responsabilita` li jista `jkollu l-attur Gregory Tabone ghal dan l-incident.

Minn naha l'ohra ghalhekk ma jistax jinghad illi l-attur Gregory Tabone huwa ezenti minn kull responsabilita peress li huwa kellu l-obbligu li jzomm dejjem *a proper look out* u kellu ghalhekk jinduna bil-prezenza tat-tank fit-triq illi fiha ried jidhol hu kif del resto kienet indunat martu li kienet passiggiera mieghu.

Ghalhekk il-fatt illi l-attur Gregory Tabone habat ma' dan it-tank mhux esklussivament dovut ghat-tqeghid ta' dan it-tank fit-triq mill-konvenut izda huwa dovut ukoll ghan-nuqqas fil-grad ta' attenzjoni rikjest mis-sewwieq f'kazijiet normali.

Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi it-tank seta` kien poggut ftit iktar il-barra milli jidher fir-ritratti esebiti mill-konvenut u wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fatt illi l-incident gara ghal habta tad-disgha ta' bil-lejl u wara li kkunsidrat ukoll illi fl-istess triq kien hemm ukoll arblu tad-dawl presumibilment b'bozoz mixghulin, issib illi l-grad ta' responsabilita tas-sewwieq Gregory Tabone u dak tal-konvenut Joseph Axisa, huwa ugwali u r-responsabilita` ghandha tinqasam bejniethom b'nofs kull wiehed.

Ghaldaqstant il-konvenut Joseph Axisa ghandu jkun tenut illi jhallas nofs l-ammont ta' danni illi sofra l-attur Gegory Tabone

f'din il-kollizjoni u li ghalihom ghamlet tajjeb il-kumpanija attrici Middle Sea Insurance plc.

Billi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni, il-Qorti qieghda tillikwida id-danni totali illi sofrew l-atturi flimkien fis-somma ta' tlett mija u tmintax il-lira u sitta u erbghin centezmu (Lm318.46) li minnhom l-attur Gregory Tabone sofra hamsin lira (Lm50) u ghaldaqstant qed tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi Middle Sea Insurance plc is-somma ta' mija u erbgha u tletin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm134.23) u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lil attur l'iehor Gregory Tabone. Bl-imghax legali b'effett mis-26 ta' Novembru tal-1999 u bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u in kwantu ghan-nofs mill-konvenut Joseph Axisa.

Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep/Reg